IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2015
COM(2015) 548 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Assistenza Finanzjarja tal-2014

{SWD(2015) 201 final}

## INTRODUZZJONI

L-objettivi ta' politika tal-Kummissjoni fil-qasam tat-tkabbir huma appoġġati mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)[1]. L-IPA huwa l-mezz li bih l-UE tappoġġa r-riformi fil-"pajjiżi tat-tkabbir" b'għajnuna finanzjarja u teknika. Dan jakkompanja l-politika ta' adeżjoni, kif stabbilit mill-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li timplimenta l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li joffri l-prospett ta' sħubija mal-UE lill-pajjiżi Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri fundamentali tal-UE u li huma impenjati li jippromwovuhom. Il-fondi tal-IPA jibnu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi tul il-proċess ta' adeżjoni, u b'hekk jirriżultaw fi żviluppi progressivi u pożittivi fir-reġjun. Il-benefiċjarji tal-assistenza fl-2014 kienu: L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Iżlanda, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija. Mid-dħul tagħha fl-UE, f'Lulju tal-2013, il-Kroazja m'għadhiex benefiċjarju tal-IPA, iżda xorta waħda tibbenefika minn Faċilità ta' Tranżizzjoni.

Il-fondi ta' qabel l-adeżjoni tal-UE huma investiment għaqli fil-futur kemm tal-pajjiżi tat-tkabbir kif ukoll tal-UE nnifisha. Dawn il-fondi jgħinu lill-benefiċjarji jagħmlu riformi politiċi u ekonomiċi, b'mod li jkunu ppreparati għad-drittijiet u għall-obbligi li jiġu bis-sħubija fl-UE. Dawk ir-riformi għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'opportunitajiet aħjar u jippermettu l-iżvilupp ta' standards ekwivalenti għal dawk li jgawdu minnhom iċ-ċittadini tal-UE. Il-fondi ta' qabel l-adeżjoni jgħinu wkoll biex l-UE tilħaq l-objettivi tagħha stess fir-rigward ta' rkupru ekonomiku sostenibbli, provvista tal-enerġija, trasport, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, eċċ.

Minħabba li l-IPA II ġie introdott biss dan l-aħħar, l-implimentazzjoni tal-programmi fl-2014 xorta kienet taqa' taħt l-IPA preċedenti.

[1] Ir-Regolament 1085/2006 li jwaqqaf Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)

## ŻVILUPPI TAL-POLITIKA

Il-politika tat-tkabbir tal-UE tikkontribwixxi għal benefiċċji reċiproċi tal-paċi, is-sigurtà u l-prosperità fl-Ewropa. Hija ssaħħaħ il-qawwa politika u ekonomika tal-UE u għandha effett trasformattiv b'saħħtu fuq il-pajjiżi kkonċernati. Għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, il-perspettiva ċara ta' sħubija mal-UE mogħtija mill-Istati Membri tal-UE hija fattur ċentrali ta' stabbilizzazzjoni. Hija tappoġġa l-progress lejn is-sodisfar tal-kundizzjonijiet meħtieġa, inklużi dawk tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Il-proċess ta' adeżjoni huwa rigoruż, mibni fuq kundizzjonalità stretta iżda ġusta, kriterji stabbiliti u l-prinċipju tal-mertu proprju. Dan huwa kruċjali għall-kredibilità tal-politika tat-tkabbir biex jiġu pprovduti inċentivi għall-pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir ħalli dawn iwettqu riformi estensivi u biex jiżguraw l-appoġġ taċ-ċittadini tal-UE.

Il-Kummissjoni qed iżżid l-enfasi fil-proċess tat-tkabbir fuq l-indirizzar ta' "dak li hu fundamentali l-ewwel". Dan l-approċċ jagħti prijorità lil riformi marbuta mal-Istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-governanza ekonomika u t-titjib fil-kompetittività ekonomika, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi inkluża l-amministrazzjoni pubblika.

<u>L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali:</u> L-istat tad-dritt huwa valur fundamentali li fuqu hija mibnija l-UE u huwa fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni. Pajjiżi li jkunu jaspiraw li jidħlu fl-Unjoni jenħtiġilhom jistabbilixxu u jippromwovu minn stadju bikri l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet ta' bażi neċessarji biex jiġi assigurat l-istat tad-dritt. Din il-ħidma hija estensiva u flimkien mal-appoġġ nazzjonali meħtieġ, tirrikjedi appoġġ tekniku u finanzjarju sinifikanti mill-Unjoni Ewropea. L-istat tad-dritt huwa kruċjali għal ambjent kummerċjali stabbli, waqt li jipprovdi ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, jappoġġa lill-konsumaturi u jistimola l-investiment, l-impjiegi u t-tkabbir. Tliet aspetti tal-istat tad-Dritt huma s-suġġett ta' attenzjoni partikolari: Ir-Riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Qed isir progress fil-ħidma b'mod ġenerali fit-tliet oqsma kollha kemm huma.

Fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni qed timmonitorja bir-reqqa s-sitwazzjoni rigward id-drittijiet ċivili, politiċi, soċjali u ekonomiċi, kif ukoll id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi fil-pajjiżi tat-tkabbir. Id-drittijiet fundamentali huma fil-biċċa l-kbira mnaqqxa fil-liġi. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi żgurat li jkunu rispettati għalkollox fil-prattika.

<u>Il-governanza ekonomika u l-kompetittività:</u> Il-Kummissjoni qed issaħħaħ l-appoġġ tagħha għat-titjib tal-governanza ekonomika u l-kompetittività fil-pajjiżi tat-tkabbir. Dan huwa ta' importanza ewlenija sabiex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini f'ambjent ekonomiku diffiċli b'mod persistenti, b'rata għolja ta' qgħad u investiment baxx. Dan huwa partikolarment importanti għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent peress li l-ebda wieħed minnhom ma huwa meqjus bħala ekonomija tas-suq li tiffunzjona. L-appoġġ tal-Kummissjoni se jibni fuq l-esperjenza tal-Istati Membri tal-UE fis-Semestru Ewropew b'enfasi akbar fuq ir-riformi strutturali li huma ta' natura settorjali.

<u>Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika:</u> Flimkien mal-istat tad-dritt u l-governanza ekonomika, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (RAP) hija pilastru tal-proċess tat-tkabbir. It-tliet "pilastri" huma marbuta mill-qrib, waqt li jaqsmu b'mod trażversali l-

kwistjonijiet ta' importanza fundamentali għas-suċċess f'riformi politiċi u ekonomiċi u l-bini ta' bażi għall-implimentazzjoni ta' regoli u standards tal-UE. Amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb hija neċessarja għall-governanza demokratika. Għandha wkoll impatt dirett fuq il-kapaċità tal-gvernijiet li jipprovdu servizzi pubbliċi u jrawmu l-kompetittività u t-tkabbir.

L-aġenda attwali tat-tkabbir tkopri l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija[2]. L-2014 kienet sena sinifikanti għal għadd ta' pajjiżi tal-Balkani tal-Punent:

Il-Montenegro: ħa passi ulterjuri fin-negozjati tal-adeżjoni. Infetħu tnax-il kapitolu. Bdiet l-implimentazzjoni tar-riformi dwar l-istat tad-dritt.

Is-Serbja: Il-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni f'Jannar kien mument deċiżiv fir-relazzjonijiet tal-pajjiż mal-UE, b'attenzjoni partikolari tmur fir-rigward tal-bżonn li jitwettqu l-prijoritajiet ta' riforma b'mod sostnut, b'mod partikolari dwar l-istat tad-dritt u l-proċess ta' normalizzazzjoni mal-Kosovo[3]

L-Albanija: ingħatat status ta' kandidat f'Ġunju bħala rikonoxximent għall-isforzi tagħha għar-riformi u l-progress li sar fil-kisba tal-kundizzjonalità meħtieġa.

Il-Kosovo: L-inizjalar ta' Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni f'Lulju kien pass importanti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo u ppreċiża l-enfasi fuq it-twettiq ta' riformi ewlenin, b'mod partikolari l-istat tad-dritt.

Fir-rigward tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-proċess ta' adeżjoni mal-UE jinsab f'fażi ta' staġnar. L-2014 ra mumenti ta' rigress, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u tal-midja u l-indipendenza tal-ġudikatura.

Il-Bożnija-Ħerzegovina tinsab wieqfa fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea. L-elezzjonijiet tard fis-sena offrew il-prospett ta' impetu ġdid biex jiġu indirizzati r-riformi soċjoekonomiċi urġenti u biex isir progress fir-rigward tal-aġenda Ewropea tagħha.

Kompliet l-implimentazzjoni ta' ċerti impenji ta' riforma tat-Turkija. Madankollu, kien hemm ukoll raġunijiet għal tħassib serju rigward l-indipendenza tal-ġudikatura u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Ir-relazzjonijiet ta' viċinat tajba u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tal-politika tat-tkabbir. Fl-2014, dawn kienu msaħħa permezz ta' kooperazzjoni intensifikata u kuntatti fil-livell bilaterali, anki f'oqsma sensittivi bħad-delitti tal-gwerra, ir-ripatrijazzjoni tar-rifuġjati, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-programm reġjonali għad-djar skont il-proċess ta' Sarajevo[4], bil-bini ta' djar li għaddej bħalissa, u fil-kriminalità organizzata u l-kooperazzjoni tal-pulizija. Ittieħdu

[2] Wara deċiżjoni tal-Gvern tal-Iżlanda fl-2013, in-negozjati tal-adeżjoni baqgħu sospiżi.

[3] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

[4] Il-Kroazja, is-Serbja, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Montenegro.

wkoll passi ulterjuri biex tiżdied il-konnettività u tingħata spinta lill-investimenti infrastrutturali fir-reġjun, inkluż permezz tal-Qafas tal-Investimenti tal-Balkani tal-Punent.

Fl-oqsma l-oħra kollha msemmija hawn fuq, l-UE qed tappoġġa l-progress fil-pajjiżi tat-tkabbir permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja tal-UE. Dan jikkontribwixxi għal proċess ta' adeżjoni mħejji tajjeb, li mhux biss jgħin lill-pajjiżi kkonċernati biex jilħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa, iżda jiżgura wkoll li t-tkabbir ma jkunx akkost tal-effettività tal-Unjoni.

## IL-QAFAS STRATEĠIKU GĦALL-ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI

L-UE tassisti mill-qrib lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali bi programmi finanzjarji dedikati. Din l-assistenza tgħin biex jinħolqu soċjetajiet demokratiċi stabbli, prosperi u li jiffunzjonaw sew u tpoġġihom fi triq soda lejn l-integrazzjoni mal-UE.

L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)

L-assistenza finanzjarja tal-UE hija diretta prinċipalment permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). L-IPA tnieda fl-2007, u ħa post firxa ta' Programmi u strumenti tal-UE li jinkludu PHARE[5], ISPA[6], SAPARD[7] u CARDS[8]. L-IPA sar l-uniku strument dedikat bis-sħiħ għal assistenza għal pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, li jissimplifika l-proċess ta' assistenza.

L-IPA inkluda ħames komponenti differenti:

1. Assistenza għat-tranżizzjoni u l-bini ta' istituzzjonijiet;
2. Koperazzjoni transfruntiera (ma' Stati Membri tal-UE u pajjiżi oħra eliġibbli għall-IPA);
3. Żvilupp reġjonali (trasport, ambjent, żvilupp reġjonali u ekonomiku);
4. L-iżvilupp tar-riżorsi umani (it-tisħiħ tal-kapital uman u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni);
5. L-iżvilupp rurali.

Il-komponenti I u II kienu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir (DĠ ELARG), li issa huwa DĠ NEAR u huma miftuħa għall-pajjiżi benefiċjarji kollha. Il-komponenti l-oħra, li għandhom l-għan li jippreparaw il-benefiċjarji għall-implimentazzjoni

[5] Il-Polonja u l-Ungerija: Assistenza għar-Ristrutturar tal-Ekonomiji tagħhom

[6] Strument għall-Politika Strutturali għal qabel l-Adeżjoni

[7] Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[8] Assistenza Komunitarja għar-Rikostruzzjoni, l-Iżvilupp u l-Istabbilizzazzjoni

tal-fondi strutturali wara li jissieħbu mal-UE, huma aċċessibbli biss għall-pajjiżi kandidati u huma ġestiti taħt ir-responsabbiltà, tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali (DĠ REGIO), id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL) u d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) rispettivament.

Il-benefiċjarji tal-IPA ġew maqsuma f'żewġ kategoriji. Pajjiżi kandidati tal-UE f'dak iż-żmien - il-Kroazja, it-Turkija u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja - kienu eliġibbli għal kull wieħed mill-ħames komponenti. Kandidati potenzjali — l-Albanija (li saret pajjiż kandidat fl-2014), il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro (li sar pajjiż kandidat fl-2010), is-Serbja (li saret pajjiż kandidat fl-2012) u l-Kosovo - kienu biss eliġibbli għall-ewwel żewġ komponenti[9].

L-IPA intervjena kemm fil-livell ta' pajjiż kif ukoll fil-livell reġjonali, permezz ta' programmi nazzjonali, programmi multibenefiċjarji, u kooperazzjoni transfruntiera.

Mill-2011 sal-2013, l-IPA appoġġa wkoll l-Iżlanda, u prinċipalment indirizza kwistjonijiet ta' bini ta' kapaċità istituzzjonali. Wara d-deċiżjoni tal-Gvern Iżlandiż li jissospendi n-negozjati tal-adeżjoni f'Mejju 2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li twaqqaf l-appoġġ tagħha għall-Iżlanda.

Għanijiet u prijoritajiet ta' politika

Ir-rispett tal-istat tad-dritt ħareġ bħala l-ogħla prijorità kmieni matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-IPA. F'bosta pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir, il-Kummissjoni sabet li l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u s-sistemi tal-ġustizzja disfunzjonali kienu għanijiet essenzjali. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika baqgħet ukoll qasam kostanti ta' ħtieġa fil-proċessi ta' tkabbir kollha tal-UE. Aktar reċentement, il-governanza ekonomika ħarġet bħala qasam li jeħtieġ titjib - mhux l-inqas minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-UE nnifisha, li l-impatt tagħha inħass b'mod qawwi fil-Balkani tal-Punent.

Fl-2014 sar sforz speċjali biex il-prijoritajiet politiċi jintrabtu ma' programmi ta' assistenza u finanzjament, bil-għan li l-assistenza tiġi kkonċentrata fejn din kienet l-aktar kritika fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE.

Dokumenti ta' programmar

L-assistenza tal-IPA ġiet ibbażata fuq il-linji gwida politiki wesgħin stabbiliti fil-pakkett ta' tkabbir tal-Kummissjoni. L-ippjanar u l-ipprogrammar kienu bbażati fuq "dokumenti ta' ppjanar indikattiv multiannwali", jew MIPDs, li kienu jkopru perjodu ta' tliet snin u li ġew aġġornati kull sena.

Il-programmi annwali jew multiannwali mbagħad ġew adottati mill-Kummissjoni u implimentati fi tliet modi:

- direttament mill-Kummissjoni, prinċipalment permezz tad-Delegazzjoni tal-UE fuq il-post;

[9] Il-pajjiżi kandidati jistgħu jimplimentaw programmi taħt il-Komponenti III sa V biss wara li jirċievu l-akkreditazzjoni għall-Kummissjoni sabiex jamministraw l-assistenza huma stess. Is-Serbja u l-Albanija ma rċevewx l-akkreditazzjoni s'issa. Il-Montenegro rċieva akkreditazzjoni għall-komponenti III u IV fl- 2014.

- mill-pajjiżi benefiċjarji, bl-applikazzjoni tal-hekk imsejħa "sistema ta' ġestjoni deċentralizzata";
- permezz ta' Stati Membri tal-UE, magħrufa bħala "ġestjoni konġunta".

Id-deċentralizzazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja

Il-ġestjoni deċentralizzata, li issa hija magħrufa bħala "ġestjoni indiretta", kienet il-metodu ta' implimentazzjoni preferut taħt l-IPA. Din kienet timplika li l-awtoritajiet fil-pajjiżi benefiċjarji kienu responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-IPA. Il-pajjiżi benefiċjarji kienu l-awtoritajiet kontraenti, u kienu wkoll responsabbli mill-ġestjoni tal-offerti u mill-pagament tal-kuntratturi. Dan kien mod biex iħejji lill-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali biex jimmaniġġjaw il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tal-UE fil-futur. Qabel it-trasferiment tar-responsabilitajiet ta' ġestjoni lil pajjiżi benefiċjarji, il-Kummissjoni vvalutat bir-reqqa l-kapaċitajiet tal-pajjiżi permezz ta' għadd ta' verifiki tas-sistemi. Il-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u t-Turkija kienu l-pajjiżi li mmaniġġjaw il-fondi ġestiti taħt is-sistema ta' implimentazzjoni deċentralizzata.

L-IPA II

Fl-2014 tnieda l-IPA II. Huwa jkopri l-perjodu 2014-2020 u jirrappreżenta l-impenn imġedded għat-tkabbir. L-IPA II jiffoka fuq id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll il-kompetittività u t-tkabbir. L-IPA II jintroduċi wkoll approċċ settorjali, inċentivi għat-twettiq tar-riżultati, sostenn baġitarju u l-prijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet. L-investimenti kkoordinati tul il-kuriduri ewlenin tal-infrastruttura u l-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFI) huma wkoll partijiet importanti mill-IPA II. L-assistenza taħt l-IPA II hija implimentata mid-DĠ NEAR fis-setturi kollha ħlief fl-Agrikoltura u l-iżilupp rurali fil-pajjiżi kandidati, li huma koperti mid-DĠ AGRI.

Id-Dokumenti ta' Strateġija Indikattivi għall-pajjiżi kollha ġew adottati fl-2014. Dawn ikopru l-perjodu kollu 2014-2020 għalkemm hija prevista reviżjoni ta' nofs it-terminu. Il-proċess ta' programmazzjoni sar aktar iffukat fuq is-settur u d-dokumenti tal-ippjanar tas-settur huma d-dokumenti li jiffurmaw il-bażi tal-proċess.

Forom oħra ta' appoġġ tal-UE

Filwaqt li l-IPA unifika ħafna mill-istrumenti għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tat-tkabbir komplew jibbenefikaw minn forom oħra ta' appoġġ tal-UE. Ta' min isemmi b'mod partikolari strumenti b'kopertura dinjija, bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument għall-Istabbiltà, u tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. L-UE estendiet ukoll il-kopertura ta' ċerti strumenti interni fiż-żona ta' tkabbir: il-pajjiżi tat-tkabbir kellhom aċċess għal programmi ta' riċerka u programmi edukattivi magħżula, bħal Erasmus Mundus.

L-UE pprovdiet ukoll assistenza lill-pajjiżi tat-tkabbir permezz ta' għajnuna bilaterali mill-Istati Membri tal-UE u self għall-investiment mwettqa mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Id-delegazzjonijiet tal-UE ħadmu biex jiżguraw il-koerenza bejn l-appoġġ tal-IPA u sorsi oħra ta' appoġġ tal-UE.

## L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI, IR-RIŻULTATI U L-IMPATTI

### ***L-ALBANIJA***

L-għoti ta' status ta' pajjiż kandidat lill-Albanija mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2014 kien rikonoxximent ta' riformi fundamentali li ttieħdu mill-pajjiż biex itejjeb il-governanza, isaħħaħ l-istat tad-dritt u jespandi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-assistenza tal-IPA ikkontribwiet ħafna lejn dan il-pass importanti fl-integrazzjoni tal-UE, b'għadd ta' proġetti li rnexxew li jagħtu pariri dwar riformi ewlenin (eż. ġudikatura) u li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll proġetti ta' bini tal-kapaċità biex jissaħħu l-amministrazzjoni pubblika u t-twettiq tas-servizz.

L-2014 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-assistenza mill-UE. Il-Kummissjoni wettqet djalogu intensiv mal-Gvern biex tippreżenta l-qafas strateġiku ġdid tal-IPA II u biex tenfasizza fuq l-appoġġ settorjali biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali, u fl-istess waqt iżżomm fokus qawwi fuq il-prijoritajiet tal-pajjiż għall-adeżjoni mal-UE. B'riżultat ta' dan, tfassal dokument ta' strateġija tal-pajjiż ġdid tal-IPA II għall-2014-20 u l-programm IPA 2014 jinkludi l-ewwel operazzjoni ta' appoġġ baġitarju settorjali, li għandha l-għan li tappoġġa l-istrateġija ta' riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fl-Albanija.

L-assistenza finanzjarja tal-UE qed tkompli taqdi rwol strateġiku fil-proċess tal-iżvilupp tal-pajjiż, tiskjera portafoll ta' proġetti li jammonta għal madwar EUR 216-il miljun u tkopri għadd ta' setturi (eż. trasport, agrikoltura, SMEs, l-edukazzjoni vokazzjonali) b'rabtiet diretti mal-kompetittività u mat-tkabbir ekonomiku. Il-kooperazzjoni mal-IFIs tkompli tkun produttiva bil-ħidmiet tal-IPA li kienu kapaċi jingranaw ammonti konsiderevoli f'self, b'mod partikolari għall-iżvilupp tal-infrastruttura. Għaldaqstant, l-UE tibqa' bil-bosta l-akbar donatur fl-Albanija.

### ***Storja ta' suċċess - It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Albanija - missjoni ta' assistenza PAMECA IV***

Il-Missjoni skjerat tim ta' ħmistax-il uffiċjal għoli tal-pulizija u prosekuturi internazzjonali u nazzjonali, li qed jaħdmu mal-Pulizija tal-Istat fl-Albanija (ASP) biex itejbu l-kapaċitajiet organizzattivi, amministrattivi, tekniċi u ta' ġestjoni tar-riżorsi u jżidu l-koordinazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u ma' aġenziji tal-infurzar tal-liġi rilevanti oħra.

Fir-rigward tal-prosekuzzjonijiet, il-missjoni identifikat l-oqsma kritiċi ewlenin ta' tħassib u pprovdiet kontributi importanti biex l-attenzjoni tiċċaqlaq minn każijiet ta' profil baxx/medju għal każijiet bi profil għoli, inklużi investigazzjonijiet proattivi kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli. Bħala riżultat ta' attivitajiet ta' taħriġ u kkowċjar dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fit-toroq, l-ASP issa qed twettaq infurzar tal-liġijiet tat-traffiku b'qawwa u b'mod konsistenti. F'termini operattivi, il-missjoni kienet involuta direttament fil-ħidmiet preparatorji li jwasslu għas-suċċess ta' operazzjonijiet kontra d-droga, bħal dik li f'Ġunju 2014 li ġabet fix-xejn iċ-ċentru li jipproduċi l-marijuana fil-villaġġ ta' Lazarat ħdejn il-fruntiera Griega. L-operazzjoni kienet sinjal ċar għall-kuntrabandisti tad-droga li spiċċa ż-żmien ta' impunità u passività fil-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' drogi.

It-tim ħadem ukoll fuq id-definizzjoni mill-ġdid ta' proċeduri tal-immaniġġar tal-kontejners fil-port ta' Durrës, post fejn jingħaqdu l-attivitajiet tal-kuntrabandu u fejn jinħtieġu aktar kontrolli biex jiġu ċċekkjati l-kontejners. PAMECA kienet involuta wkoll fit-tħejjija tal-

ftehim dwar kooperazzjoni operattiva u strateġika mal-Europol (ratifikat f'Mejju 2014), kif ukoll fit-tfassil tal-Liġi l-ġdida tal-ASP.

## *IL-BOŻNIJA-ĦERZEGOVINA*

L-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-IPA fil-Bożnija-Ħerzegovina komplew fl-2014 f'ambjent politiku li joffri sfida u kienu influwenzati ħafna mill-għargħar diżastruż li laqat lill-pajjiż f'Mejju 2014.

It-tħejjijiet għall-IPA II reġgħu bdew wara li kienu ġew interrotti fl-2013 u wasslu għall-adozzjoni ta' Dokument ta' Strateġija Indikattiv dwar l-IPA II għall-Bożnija-Ħerzegovina f'Diċembru 2014. Madankollu, id-Dokument ikopri biss bejn l-2014-2017 u fin-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni komprensiva tal-UE, il-fondi ser jiġu allokati biss f'erba' setturi fejn jeżistu strateġiji maqbula u strutturi ta' koordinazzjoni suffiċjenti.

Protesti mifruxa, immexxija miċ-ċittadini fil-bidu tal-2014 enfasizzaw il-fraġilità tas-sitwazzjoni soċjoekonomika. Il-Kummissjoni nediet tliet inizjattivi biex tmexxi l-attenzjoni għal fuq ir-riformi u l-kwistjonijiet ta' interess dirett għaċ-ċittadini, li fosthom hemm il-Grupp ta' Ħidma konġunt bejn l-UE u l-Bożnija-Ħerzegovina, biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' grupp ta' proġetti ffinanzjati mill-UE. Il-grupp għamel biss progress limitat, minkejja l-involviment f'livell tal-Prim Ministru.

Wara l-għargħar ta' Mejju 2014 l-akbar sfida saret biex tassisti lill-Bożnija-Ħerzegovina malajr u b'mod effettiv fl-indirizzar tal-impatt tal-għargħar. L-UE allokat mill-ġdid minnufih EUR 42 miljun f'fondi tal-IPA biex tassisti l-irkupru u r-rikostruzzjoni. EUR 41 miljun oħra ġew allokati qabel tmiem is-sena.

***Storja ta' suċċess*** *- Irkupru mill-Għargħar*

L-implimentazzjoni tal-*Programm ta' Rkupru dwar l-Għargħar* (EUR 43,52 miljun, li minnhom EUR 42,24 miljun ipprovduta mill-UE) imniedi f'Lulju 2014 ipproduċiet firxa sħiħa ta' riżultati tanġibbli biex jiġu restawrati gradwalment il-kundizzjonijiet ta' għajxien normali f'komunitajiet lokali u biex jiġi żgurat l-għoti ta' għajnuna lil dawk l-aktar vulnerabbli li ġew affettwati mill-għargħar ta' Mejju. Il-programm, implimentat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), b'kooperazzjoni mal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), jiffoka fuq ir-riabilitazzjoni ta' servizzi pubbliċi u l-infrastruttura, unitajiet ta' djar għal dawk l-aktar vulnerabbli u għall-irkupru soċjali u ekonomiku tal-komunitajiet lokali.

Fl-ewwel sitt xhur tal-implimentazzjoni, inkisbu r-riżultati li ġejjin: 671 dar riabilitata, 337 għadhom għaddejjin; 66 bini pubbliku riabilitat, b'31 oħra għadhom għaddejjin u b'19 fi stadji differenti tal-akkwist jew tat-tfassil tal-proġett; 32 proġett ta' infrastruttura komunali li tlestew u 26 li għadhom għaddejjin; stħarriġ ta' muniċipalitajiet addizzjonali li tlestew, ma' proġetti ġodda ta' infrastruttura li għandhom jintgħażlu biex titkompla l-implimentazzjoni. F'dak li jirrigwarda l-element ta' rkupru ekonomiku, kienu rċevuti 48 garanzija tal-bank u l-pagamenti li jakkumpanjawhom, li jammontaw għal total ta' EUR 1,27 miljun.

***IL-KROAZJA***

Matul l-2014 il-Kroazja kompliet timplimenta b'mod attiv miżuri biex issaħħaħ aktar il-kapaċità tagħha sabiex tissodisfa l-obbligi ta' sħubija mal-UE. Mill-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja hija Stat Membru tal-UE.

Taħt il-komponent I u II tal-IPA, matul l-2014 ġiet ikkonsolidata struttura istituzzjonali adegwata għall-ġestjoni deċentralizzata tal-fondi tal-IPA diġà stabbiliti fl-2013, b'aktar żvilupp tar-regoli interni tal-proċedura, u bi ftehimiet ta' funzjonament, ta' implimentazzjoni u operazzjonali bejn l-Uffiċjal Awtorizzanti Nazzjonali u l-Kap tal-Istruttura Operattiva u fost korpi u persuni responsabbli fi ħdan l-Istruttura Operattiva. Ġew żviluppati manwali ta' proċeduri għal kull entità fi ħdan is-sistema, b'deskrizzjoni ċara tal-proċessi u l-proċeduri kollha u bir-rendikonti tal-entrati żviluppati. Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-IPA kompliet tkun kompletament funzjonali.

***Storja ta' suċċess*** *- Ir-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-qrati*

Waħda mill-aktar miżuri ta' riforma importanti hija marbuta mal-implimentazzjoni li tinsab għaddejja tar-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-qrati. Bħala parti mill-proċess partikolari u sabiex isservi bħala bażi għar-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni, f'Ottubru 2014 il-Liġi l-ġdida dwar l-oqsma u s-sede tal-qrati ġiet adottata fil-Parlament Kroat, u għandha tiġi applikata mill-1 ta' April 2015 fuq qrati muniċipali u tal-kontea, u mill-1 ta' Lulju 2015 fuq qrati tal-kontravvenzjonijiet. Skont il-Liġi, iż-żona Kroata hija maqsuma fi 15-il żona ġudizzjarja, b'mod li jistabbilixxi 15-il qorti distrettwali, 24 qorti muniċipali u 22 qorti tal-kontravvenzjonijiet, li huwa 43 qorti muniċipali u 39 qorti tal-kontravvenzjonijiet anqas. Din l-organizzazzjoni l-ġdida tiftaħ il-possibbiltà ta' speċjalizzazzjoni, mobbiltà akbar u xogħol imqassam aħjar tal-imħallfin kif ukoll l-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-qorti.

Barra minn hekk, dan il-mod l-għadd ta' persunal maniġerjali ġudizzjarju jitnaqqas, u dan se jippermetti l-iffrankar ta' spejjeż kif ukoll tħaddim aħjar tal-ġudikatura (jiġifieri xogħol imqassam aħjar, it-tnaqqis tat-tul ta' proċediment ġudizzjarju, it-tnaqqis ta' xogħol b'lura, eċċ.). Madankollu, iċ-ċittadini se jkomplu jiġu pprovduti b'aċċess għal qrati muniċipali u dawk tal-kontravvenzjonijiet, identiku għal dak li kellhom qabel il-Liġi l-ġdida. Il-qrati muniċipali u dawk tal-kontravvenzjonijiet attwali li jieqfu joperaw, kif ukoll is-servizzi attwali tal-qrati muniċipali u dawk tal-kontravvenzjonijiet, se jsiru uffiċċji full-time ta' qrati muniċipali u qrati tal-kontravvenzjonijiet ġodda.

## *L-EKS-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA, 2015*

L-assistenza tal-IPA kompliet bir-rwol importanti tagħha biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-Pjan Annwali ta' Ġestjoni tad-DĠ Tkabbir fir-rigward tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Fir-rigward tal-IPA II, id-Dokument ta' Strateġija Indikattiv għall-pajjiż ġie adottat fid-19 ta' Awwissu 2014. Il-programm tal-IPA II tal-2014 ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2014. Il-programm huwa magħmul minn programm ta' azzjoni annwali u minn programm ta' azzjoni pluriennali.

Il-programm annwali jkopri tliet setturi: id-demokrazija u l-governanza; l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; il-kompetittività u l-innovazzjoni, għal ammont totali ta' EUR 52,7 miljun. Il-programm pluriennali jkopri l-ewwel tliet snin tal-implimentazzjoni ta' Programmi Operazzjonali tas-Settur għall-ambjent u l-azzjoni klimatika u t-trasport għal ammont totali ta' EUR 81 miljun.

Il-Programm ta' Żvilupp Rurali taħt l-IPA II għas-snin 2014-2020 ġie approvat f'Diċembru 2014. Il-baġit għas-7 snin huwa EUR 60 miljun b'allokazzjonijiet modesti għall-ewwel erba' snin u l-ammonti jiżdiedu lejn tmiem il-perjodu.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja taħt l-IPA I, id-diżimpenji tal-fondi u riskji futuri ta' telf ta' fondi minn programmi taħt is-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata (DIS) baqgħu sors ta' tħassib. Is-sitwazzjoni kontraenti aggravat meta mqabbla mal-2013. Fl-2014, intilfu EUR 41,6 miljun skont il-Komponenti kollha tal-IPA. L-Istrutturi Operattivi fil-pajjiż qed jiffaċċaw għadd kbir ta' problemi strutturali li jkollhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar fuq l-assorbiment korrett u fil-ħin tal-fondi tal-IPA. L-ikkuntrattar tal-Programmi Nazzjonali li fadal għas-snin 2011, 2012 u 2013 ma bediex fl-2014.

***Storja ta' suċċess** — It-tisħiħ tal-Amministrazzjoni Doganali*

Il-proġett *It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Amministrazzjoni Doganali* jikkonsisti fi tliet kuntratti (bil-kontibuzzjoni totali tal-UE tkun EUR 2 428 301,25). Il-proġett jinkludi l-iżvilupp tas-softwer, l-appoġġ lill-istituzzjoni benefiċjarja fil-ġestjoni tal-proġett ta' żvilupp ta' softwer u t-twaqqif tal-proċeduri meħtieġa u l-istabbiliment organizzattiv fil-qasam ta' ambjent tariffarju integrat, kif ukoll provvista tal-ħardwer meħtieġ biex jappoġġa użu tal-applikazzjoni tas-softwer. Id-disinn tas-softwer kellu jiġi aġġustat u żviluppat bħala soluzzjoni unika. Is-sistema li ġiet żviluppata se sservi bħala għodda kemm lill-Amministrazzjoni Doganali kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi fil-proċess ta' approvazzjoni doganali

## ***IL-KOSOVO***

Fl-2014 il-Kummissjoni introduċiet l-IPA II u l-proċess ta' programmazzjoni tiegħu lill-Gvern tal-Kosovo u ħadmet mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura li dan l-approċċ il-ġdid jinftiehem sew. Ġew organizzati diversi laqgħat sabiex jippreżentaw u jiddiskutu l-qafas il-ġdid tal-IPA II kif ukoll ir-regolament finanzjarju l-ġdid. Il-Programm Annwali tal-2014 kien imħejji u approvat mill-Kumitat tal-IPA f'Novembru 2014, u ġie adottat f'Diċembru 2014, b'allokazzjoni ta' EUR 66,05 miljun.

Fl-2014, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-IPA I kompliet mingħajr xkiel, inkluż l-implimentazzjoni tal-programm IPA tal-2013 b'appoġġ tad-djalogu tad-19 ta' April 2013 bejn Pristina u Belgrad. Il-Palazz tal-Ġustizzja, proġett ewlieni ta' infrastruttura b'appoġġ għat-titjib tal-istat tad-dritt fil-Kosovo, tlesta fl-aħħar tal-2014.

Fir-rigward tal-programmi ta' Kooperazzjoni Transfruntiera (CBC), kien hemm għadd ta' diffikultajiet matul l-2014 li rriżultaw f'nuqqas ta' kuntratt għall-allokazzjonijiet tal-2011 riżervati għall-finanzjament ta' proġetti skont il-programm CBC Albanija-Kosovo u l-allokazzjonijiet tal-2010 riżervati biex jiffinanzjaw proġetti skont il-programm Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja-Kosovo. Ġew introdotti miżuri biex jipprevjenu u jtaffu r-riskji relatati mal-ġestjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera. Madankollu, allokazzjonijiet oħra għal dawn iż-żewġ programmi ġew ikkuntrattati b'suċċess, u l-proġetti mogħtija se jibdew fl-2015. Il-Programmi CBC tal-2014-2020 bejn il-Kosovo u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Albanija u l-Montenegro ġew adottati, kif sar bl-allokazzjonijiet rispettivi għas-sena 2014.

### Storja ta' suċċess

*IPA 2011: Il-Fażi II tal-Programm ta' Stabbilizzazzjoni UE-Komunità (UE-DSP II)- (EUR 3,0 miljun)*

Il-proġett jinsab lejn l-istadju finali ta' implimentazzjoni tiegħu u l-objettiv speċifiku tal-azzjoni kien li tissaħħaħ is-sostenibilità soċjoekonomika u l-integrazzjoni ta' komunitajiet ta' minoranzi etniċi bl-appoġġ ta' dħul vijabbli u bil-ħolqien tal-impjiegi fi ħdan l-ekonomija u s-soċjetà usa' tal-Kosovo. Skont dan l-intervent s'issa ġie appoġġat 284 proġett, li minnhom 220 kienu kumpaniji individwali u 64 proġetti ta' żvilupp tal-komunità, li rriżulta fil-ħolqien/l-iżgurar ta' kważi 800 impjieg f'żoni tal-komunità.

## ***IL-MONTENEGRO***

Fl-2014 il-Montenegro għamel aktar progress fin-negozjati tal-adeżjoni. Matul is-sena, fetħu għaxar kapitoli addizzjonali, biex b'hekk fetħu total ta' sittax-il kapitolu, li minnhom ingħalqu provviżorjament żewġ kapitoli. L-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-Montenegro matul l-2014 saru fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni li għaddejjin bħalissa u t-tranżizzjoni għal Qafas tal-IPA II għall-perjodu finanzjarju 2014-2020.

Fir-rigward tal-ipprogrammar tal-IPA, l-isforzi matul l-2014 kienu ffokati fuq il-finalizzazzjoni ta' Dokument ta' Strateġija Indikattiv (ISP) għall-Montenegro 2014-2020 u dwar il-preparazzjoni tal-Programm Annwali ta' Azzjoni tal-2014. Barra minn hekk, ittieħdu passi lejn l-implimentazzjoni tal-approċċ settorjali, fit-tħejjija ta' dokumenti ta' ppjanar għas-setturi kollha tal-IPA, kif ukoll bit-tnedija ta' preparazzjonijiet għal interventi ta' appoġġ baġitarju settorjali futuri.

L-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja taħt l-IPA I kompliet fl-2014. Il-programmi tal-Komponent I tal-IPA tal-2007-2011 ġew ikkuntrattati kompletament, u l-IPA 2012-2013 qed jiffunzjona sew. Il-Komponent II tal-IPA wera wkoll rata għolja ta' implimentazzjoni. Fi tmiem l-2014, kien hemm 212-il kuntratt tal-IPA li kienu għaddejjin għal valur ta' EUR 86,5 miljun.

Fl-2014, il-Montenegro ġie allokat b'mod indikattiv ammont ta' EUR 39,6 miljun. Il-fondi allokati għall-Programm ta' Azzjoni tal-2014 jammontaw għal EUR 35,7 miljun, filwaqt li l-bqija ġie assenjat għall-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili u l-Programm Reġjonali tad-Djar.

Matul l-2014, il-Montenegro għamel progress tajjeb fir-rigward tat-tħejjijiet għall-ġestjoni deċentralizzata. Il-konferiment tal-ġestjoni deċentralizzata għall-Komponenti III u IV tal-IPA ġie finalizzat f'April u Lulju 2014 rispettivament.

### Storja ta' suċċess

*IPA 2008-2009 MARUBI: mudell ta' kooperazzjoni għall-promozzjoni turistika (EUR 423,504)*

L-għan tal-proġett MARUBI kien li jtejjeb l-iżvilupp ekonomiku taż-żona transfruntiera Shkodra-Ulcinjbilli billi jibni fuq il-potenzjali tagħha fit-turiżmu u jenfasizza l-wirt kulturali komuni u l-ġmiel naturali taż-żona. Il-proġett kellu l-għan li jivverifika u jikklassifika ritratti famużi tal-familja tal-Marubi u li jfassal rotta konkreta, li tgħaqqad u tivvalorizza l-wirt artistiku u storiku għani tar-reġjun, li jżid mal-attrazzjoni u d-divertiment għat-turisti u viżitaturi. Il-proġett wassal fit-triq tal-Marubi, u wirja itineranti permanenti dwar il-ġabra tal-Marubi. Barra minn hekk, huwa saħħaħ il-kompetenzi ta' operaturi ekonomiċi u turistiċi lokali, żviluppa strumenti għall-promozzjoni tat-turiżmu u l-patrimonju tal-Marubi iddaħħal fin-netwerks lokali u Ewropej.

Il-proġett jinkludi/fih l-aspetti kollha ta' prattika tajba f'kooperazzjoni transfruntiera inkluż is-sħubija, l-impatt, in-netwerking, il-viżibbiltà kif ukoll is-sostenibbiltà. Dan ġie meqjus bħala partikolarment innovattiv u effiċjenti, b'tixrid eċċellenti u bi prospetti ta' sostenibilità ġusti. B'mod ġenerali, il-proġett ġie rikonoxxut mill-partijiet ikkonċernati transfruntieri bħala estremament importanti għall-prospetti ekonomiċi u għall-ħajja kulturali tal-komunitajiet lokali. Barra minn hekk, hemm indikazzjonijiet li l-organizzazzjonijiet turistiċi lokali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn se jiżguraw is-sostenibbiltà tar-riżultati.

***IS-SERBJA***

Wara li ngħatat status ta' pajjiż kandidat fl-2013, in-negozjati tal-adeżjoni tal-UE tnedew f'Konferenza Intergovernattiva f'Jannar 2014. F'Awwissu, il-Kummissjoni adottat Dokument ta' Strateġija Indikattiv għas-Serbja għall-perjodu 2014-2020. Dan kien ir-riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni importanti biex jiġu identifikati setturi ewlenin tal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-perspettiva finanzjarja. B'mod parallel il-Programm tal-IPA tal-2014 tħejja u ġie adottat f'Diċembru. L-awtoritajiet Serbi komplew jimxu lejn approċċ settorjali billi jtejbu l-koordinazzjoni tas-settur permezz ta' gruppi ta' ħidma settorjali u t-titjib ta' oqfsa strateġiċi settorjali. Sabiex titjieb l-għażla u t-tħejjija ta' investiment fl-infrastruttura, l-awtoritajiet Serbi adottaw metodoloġija għall-iżvilupp ta' Sensiela ta' Proġetti Uniku.

F'Mejju tal-2014, is-Serbja ntlaqtet minn għargħar. Ġew allokati fondi importanti għall-irkupru u r-rikostruzzjoni minn riallokazzjoni taħt programmi preċedenti u parti mill-allokazzjoni tal-IPA tal-2014 għas-Serbja.

Dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-UE, is-Serbja ngħatat il-konferiment tal-ġestjoni f'Marzu 2014 u l-ftehim ta' finanzjament ġie ffirmat f'Ġunju għall-implimentazzjoni ta' din il-parti tal-IPA tal-2013 taħt ġestjoni deċentralizzata. Madankollu, it-tqassim mill-ġdid tal-Gvern f'Lulju ħolqot dewmien fl-implimentazzjoni.

**Storja ta' suċċess** - *Ir-rispons tal-UE biex jittaffa l-għargħar fis-Serbja*

F'Mejju 2014, is-Serbja ntlaqtet minn għargħar devastanti li ħalla mill-anqas 50 vittma u kkawża ħsara stmata ta' EUR 1,7 biljun. L-Unjoni Ewropea, f'wirja ta' solidarjetà bla preċedent, ipprovdiet assistenza immedjata permezz tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE. Total ta' 16-il Stat Membru tal-UE offra assistenza bħal dgħajjes b'mutur, elikotteri, pompi, kits umanitarji u bagħtu aktar minn 300 ħaddiem ta' sokkors fis-Serbja. Tim tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE ntbagħat is-Serbja biex jgħin fil-koordinazzjoni ta' sforzi ta' sokkors u biex jassisti fl-operazzjonijiet ta' salvataġġ. L-UE rrilaxxat ukoll EUR 1 miljun f'għajnuna umanitarja biex tgħin lill-persuni l-iktar vulnerabbli tal-popolazzjoni fis-Serbja. Fost oħrajn, il-finanzjament intuża biex iwassal l-għajnuna f'ikel, għall-provvista ta' ilma nadif, għas-saħħa u l-iġjene.

Waqt li t-timijiet tal-protezzjoni ċivili tal-UE kienu fuq il-post, il-Kummissjoni Ewropea riallokat fi żmien rekord EUR 30 miljun ta' fondi tal-IPA għal programm tal-UE assistenza għall-ħsarat ikkawżati mill-għargħar. Il-programm tnieda f'Lulju 2014 bil-għan li jgħin il-bini mill-ġdid ta' skejjel, faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal, djar privati kif ukoll ir-rijabilitazzjoni ta' bini pubbliku u toroq fl-24 muniċipalità milquta l-aktar. Permezz tal-programm, l-UE qed tipprovdi wkoll għotjiet ekonomiċi għall-impriżi żgħar u medji, kif ukoll żrieragħ u bhejjem lill-bdiewa li sofrew mill-għargħar.

Sa tmiem is-sena, inbnew 93 dar ġdida, issewwew 685 dar li ġarrbu ħsarat, ġewt appoġġati 200 intrapriża żgħira jew medja biex jerġgħu jibdew attivitajiet li jiġġeneraw dħul, inbniet mill-ġdid 13-il skola għal aktar minn 11 000 tifel u tifla u student, u 9 600 familja ta' bdiewa rċevew żerriegħa tal-qamħ, fertilizzanti, nebbieta tal-frott u għalf tal-annimali; u, 11,5 km ta' toroq li jintużaw minn aktar minn 500 000 ċittadin inbnew mill-ġdid.

Pakkett addizzjonali ta' EUR 72 miljun ġie allokat f'Diċembru biex jappoġġa l-isforzi ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni fuq perjodu medju u l-bini tal-kapaċità fit-tul, il-prevenzjoni u l-ilqugħ kontra l-għargħar kif ukoll il-ġestjoni tax-xmara.

## IT-TURKIJA

Filwaqt li jibni fuq l-istrument finanzjarju ġdid strateġiku u orjentat lejn ir-riżultati għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, id-Dokument ta' Strateġija Indikattiv għat-Turkija li jkopri l-perjodu 2014-2020 ġie adottat f'Awwissu 2014. Huwa jipprovdi qafas għal assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiż f'konformità mal-prijoritajiet politiċi stipulati fil-politika dwar it-tkabbir.

Ġew adottati wkoll l-ewwel Programm ta' Azzjoni annwali tal-2014 u erba' programmi multiannwali settorjali. Bil-ħsieb li l-assistenza finanzjarja tal-IPA II tiġi kkonċentrata fuq numru limitat ta' prijoritajiet ewlenin, il-Programm ta' Azzjoni annwali propost għall-2014 jiffoka prinċipalment fuq it-tisħiħ tad-demokrazija u l-governanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Il-programmi annwali settorjali ġew imfassla biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjoekonomiku tat-Turkija billi jappoġġaw investimenti fl-oqsma tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-trasport, il-kompetittività, l-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Il-Programm ta' Żvilupp Rurali taħt l-IPA II għas-snin 2014-2020 ġie adottat f'Diċembru 2014. Il-baġit għas-7 snin huwa ta' EUR 801 miljun.

L-implimentazzjoni tal-programmi li għaddejjin kompliet, u qiegħda tikkontribwixxi għall-proċess ta' riforma u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali permezz ta' attivitajiet bħal appoġġ għat-titjib tas-sistema tal-ġustizzja kriminali Torka jew bl-akkumpanjament tal-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal bi bżonnijiet speċjali. L-IPA appoġġat ukoll l-iżvilupp soċjoekonomiku tat-Turkija u għen biex jindirizza differenzi reġjonali b'enfasi qawwija ta' assistenza fix-Xlokk tat-Turkija. Bl-istess mod, l-IPA kien strumentali biex iħeġġeġ l-allinjament mal-*acquis*, billi jipprovdi finanzjament f'firxa wiesgħa ta' oqsma bħall-enerġija, il-liġi tal-kumpaniji, il-politika tal-intrapriżi u industrijali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-istatistika, ix-xjenza u r-riċerka.

L-IPA qed ikollu wkoll rwol dejjem akbar biex jgħin lit-Turkija tindirizza l-konsegwenzi fuq it-territorju ta' kriżi tagħha fil-pajjiżi ġirien tagħha s-Sirja u l-Iraq. It-Turkija laqgħet aktar minn 1,6 miljun Sirjan u l-UE, filwaqt li rrikonoxxiet l-isforzi qawwija tat-Turkija, kienet qed tesplora t-toroq kollha possibbli għal aktar assistenza. F'dan il-kuntest, fl-aħħar tal-2014, ġiet ipprogrammata miżura addizzjonali ġdida tal-IPA (EUR 40 miljun) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tan-NU biex jingħata appoġġ lill-awtoritajiet bħala reazzjoni għall-influss dejjem jikber ta' refuġjati, li jaffettwa b'mod kunsiderevoli s-sistema tal-ażil u ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, l-infrastruttura muniċipali u s-servizzi tat-Turkija.

***Storja ta' Suċċess** - Interkonnessjoni tal-Enerġija*

Proġett biex jappoġġja t-"Titjib tal-Istruttura u l-Kapaċità tal-Korporazzjoni tat-Trażmissjoni Elettrika tat-Turkija (TEIAS)" (kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 1.8 miljun) tlesta b'suċċess f'Diċembru 2014. Il-proġett ġie mfassal biex jassisti lit-Turkija fl-isforzi tagħha biex tiżgura l-integrazzjoni sħiħa man-netwerk tal-elettriku tal-UE u tipprovdi taħriġ ta' sigurtà u prestazzjoni fuq ix-xogħol lill-maniġers, lill-persunal operattiv u ta' manutenzjoni. Dan ħoloq titjib pożittiv li jippermetti lill-parteċipanti tas-suq fuq iż-żewġ naħat li jkollhom l-opportunità għal skambji ta' elettriku kontinwi u mingħajr interruzzjoni. Dan huwa uniku, fis-sens li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni fiżika tat-Turkija permezz tal-interkonnessjoni man-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E). Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni illum, kemm

fis-suq Tork kif ukoll f'dak Ewropew, jibqa' li jiżgura li l-faċilitajiet jibqgħu operattivi kull ġurnata tas-sena mingħajr interruzzjoni.

***DIVERSIPAJJIŻI***

Tkompliet kooperazzjoni reġjonali f'fora reġjonali bħall-Komunità tal-Enerġija, iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA), l-Osservatorju tat-Trasport tax-Xlokk tal-Ewropa (SEETO) u l-Iskola Reġjonali għall-Amministrazzjoni Pubblika (ReSPA). Barra minn hekk, ir-rwol tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR) bħala korp li jrawwem l-integrazzjoni reġjonali ġie msaħħaħ aktar fl-2014. Il-KKR kompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tiegħu għall-2014-2016, mibnija madwar l-Aġenda tal-Ewropa tax-Xlokk għall-2020 (SEE 2020).

Il-"Proċess ta' Berlin" imniedi fis-Samit ta' Berlin fit-28 ta' Awwissu 2014 u l-Konferenza WB-6 f'Belgrad fit-23 ta' Ottubru 2014 li wasslet għall-adozzjoni ta' Dikjarazzjoni Konġunta jirriflettu l-impenn politiku tal-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tal-viċinat biex jinkiseb progress dwar l-aġenda tal-konnettività u biex jippreżentaw riżultati aktar tanġibbli fis-snin li ġejjin.

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Istrateġija tat-Tkabbir, l-assistenza finanzjarja ta' ħafna pajjiżi tul l-2014 appoġġat il-progress fil-qasam tal-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza ekonomika.

Biex isaħħu l-irkupru ekonomiku fil-Balkani tal-Punent, ġew approvati proġetti ġodda fl-infrastruttura fil-qafas tal-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF), kif ukoll proġetti fil-qasam tal-kompetittività prinċipalment permezz tal-Faċilità ta' Żvilupp u Innovazzjoni tal-Intrapriżi tal-Balkani tal-Punent (EDIF) u fil-qasam tal-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-taħriġ.

***Stejjer ta' suċċess***

*Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent*

Kontribut mill-UE: EUR 250 miljun
Data tal-bidu: 2009 - ħidma li għadha għaddejja
Ir-riżultati huma: Preparazzjoni ta' proġetti ta' investiment bankabbli; Assistenza Teknika, studji ta' fattibbiltà, Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali

Id-WBIF jappoġġa l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-adeżjoni tal-UE fil-Balkani tal-Punent permezz tal-għoti ta' finanzjament u assistenza teknika għal investimenti strateġiċi. Huwa jgħaqqad ir-riżorsi mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ma' dawk tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs), tad-donaturi bilaterali u tal-gvernijiet tal-Balkani tal-Punent. Sa mit-tnedija tagħha, id-WBIF żviluppa sensiela ta' investimenti ta' prijorità stmat għal madwar EUR 13-il biljun.

*Il-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili*

Kontribut mill-UE: EUR 11.2 miljun;
Data tal-bidu:  Diċembru 2012 – Diċembru 2014
Ir-riżultati huma: Total ta' 172 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili mill-Balkani tal-Punent u t-Turkija u mill-Ewropa huma impenjati fi 18-il netwerk, appoġġati finanzjarjament mill-IPA. L-għotjiet li għadhom għaddejjin ipproduċew bosta riżultati u dawn li ġejjin huma xi eżempji:

## DEJTA FINANZJARJA

**IPA I**

| | **Allokazzjonijiet** | **Żborżamenti** |
|---|---|---|
| **L-Albanija** | 537 017 522 | 288 139 323 |
| **Il-Bożnija-Ħerzegovina** | 571 773 967 | 370 377 054 |
| **Il-Kroazja** | 818 568 685 | 460 314 577 |
| **Il-Kosovo** | 685 782 927 | 486 699 110 |
| **L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** | 542 844 358 | 273 049 040 |
| **Il-Montenegro** | 211 489 565 | 143 423 580 |
| **Is-Serbja** | 1 367 009 190 | 906 220 245 |
| **It-Turkija** | 4 427 864 616 | 2 578 261 545 |
| **L-Iżlanda** | 34 837 163 | 5 744 810 |
| **Programmi reġjonali** | 1 357 355 546 | 1 051 332 151 |
| **Total** | **10 554 543 540** | **6 563 561 434** |
| | | |
| **Qsim skont kull DĠ** | | |
| **NEAR** | 6 501 845 269 | 4 406 417 400 |
| **REGIO** | 2 532 823 587 | 1 358 299 165 |
| **EMPL** | 572 885 566 | 326 024 002 |
| **AGRI** | 946 989 118 | 472 820 867 |
| | **10 554 543 540** | **6 563 561 434** |

**IPA II**

| | **Allokazzjonijiet** | **Żborżamenti** |
|---|---|---|
| **L-Albanija** | 66 746 389 | 0 |
| **Il-Bożnija-Ħerzegovina** | 73 581 834 | 0 |
| **Il-Bożnija-Ħerzegovina - OHR** | 3 532 478 | 3 532 478 |
| **Il-Kosovo** | 66 050 000 | 0 |
| **L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** | 76 717 811 | 0 |
| **Il-Montenegro** | 35 707 300 | 0 |
| **Is-Serbja** | 187 090 000 | 0 |
| **It-Turkija** | 614 600 000 | 0 |
| **Multibenefiċjarji** | 222 442 000 | 1 098 159 |
| **Total** | **1 346 467 812** | **4 630 637** |
| **Qsim skont kull DĠ** | | |
| **NEAR** | 1 272 467 812 | 4 630 637 |
| **AGRI** | 74 000 000 | 0 |

**L-allokazzjonijiet għall-IPA I:** Ammonti ta' Deċiżjonijiet ta' Finanzjament adottati matul l-2007-2013 (bit-tnaqqis ta' fondi mhux użati mogħtija lura lill-baġit tal-UE).

**L-allokazzjonijiet għall-IPA II:** Ammonti ta' Deċiżjonijiet ta' Finanzjament adottati fl-2014

**Żborżamenti:** L-ammonti effettivament imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2014 mill-Kummissjoni Ewropea lill-kuntrattur (fil-każ ta' ġestjoni diretta) / pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali benefiċjarja (fil-każ ta' ġestjoni indiretta).

Fil-każ tal-Kroazja, l-assistenza preċedenti tal-IPA koperta mid-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL (il-komponenti III u IV, u parti mill-komponent II) issa hija regolata skont ir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali, kif previst fit-Trattat ta' Adeżjoni u ċ-ċifri tal-iżborż huma sad-data meta l-pajjiż sar Stat Membru (l-1 ta' Lulju 2013). L-assistenza taħt il-komponenti l-oħra tibqa' taħt l-IPA u ċ-ċifri tal-iżborż għandhom data limitu sal-aħħar tal-2014.